Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0197

In-nuqqas ta’ applikazzjoni tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta’ ċerta merkanzija

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta’ Ġunju 2026 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-nuqqas ta’ applikazzjoni tad-dazji doganali fuq ċerta merkanzija (COM(2025)0472 – C10-0192/2025 – 2025/0260(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0472),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0192/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-valutazzjoni baġitarja maħruġa mill-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu, u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-27 ta’ Mejju 2026, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 60 u 58 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A10-0070/2026),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt[1];

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

[1] Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fis-26 ta’ Marzu 2026 (Testi adottati, P10_TA(2026)0097).

P10_TC1-COD(2025)0260

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tas-16 ta’ Ġunju 2026 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2026/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2026/1461.)